MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 344/2003

**Raymond Theuma**

**Vs**

**Carmen Theuma**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta’ Frar 2003 fejn l-attur talab sabiex il-konvenuta thallas is-somma ta’ Lm261.29 (mitejn u wiehed u sittin Lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu) bilanc minn somma akbar dovuti lil attur.

Fl-Avviz tat-talba intqal:-
Illi l-konvenuta ghadha thallas lill-attur is-somma ta’ mitejn u wiehed u sittin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm261.29) bilanc minn somma ikbar dovuti lill-attur in konsegwenza ta’ pagament maghmul mill-attur lis-socjeta`

Cons (Trading) Ltd ta' debitu li l-attur u l-konvenuta kienu ko-debituri.

Illi l-attur qed jezercita d-dritt moghti lilu a tenur ta' l-artikolu 1107 tal-Kodici Civili;

Illi l-konvenuta giet inutilment interpellata sabiex thallas izda inutilment;

Illi huma dovuti mill-konvenuta ukoll l-imghaxijiet kummercjalibir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-pagament lis-socjeta` Cons (Trading) Limited cioe` mill-20 ta' Gunju 2002 sad-data tal-pagament effettiv, ai termini ta' l-artikolu 1107 tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez.

Il-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Illi t-talbiet tal-konvenut huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi di piu' hu l-attur li ghandu jaghti lill-konvenuta u mhux kif qed jigi indikat mill-attur, kif se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi l-azzjoni odjerna hija episodju wiehed fis-saga ta' koppja li sseparat 'per sententiam'. L-attur irrnexxielhu jipprova l-kreditu tieghu tramite l-affidavit u d-dokument hemm esibit. Il-konvenuta ma kkontestatx li l-ammont effettivament thallas mill-attur u kien dovut minnha li tirrifondilhu nofsu. L-allegazzjoni minnha promossa ma gietx pruvata anke jekk inghatat l-fakolta ghal dan billi ma ressqet l-ebda prova in sostenn tad-deposizzjoni taghha.

Jirrizulta lit-Tribunal li l-attur ezawrixxa l-oneru tieghu u pprova il-kaz tieghu almenu fuq bilanc ta' probabilitajiet.

Jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenuta, jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' mitejn Lira wiehed u sittin Lira u disa` u ghoxrin centezmu (Lm261.29).

Bl-ispejjez u interessi kif mitluba kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------